Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2200

6.9.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2200

tal-4 ta' Settembru 2024

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/996 li tistabbilixxi l-ECCSEL ERIC

(notifikata bid-dokument C(2024) 5833)

(It-testi bil-Franċiż, bl-Ingliż, bl-Olandiz u bit-Taljan biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 723/2009 ġie inkorporat fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 72/2015 ([2]).

(2) Il-Laboratorju Ewropew għall-Qbid u l-Ħżin tad-Diossidu tal-Karbonju ġie stabbilit bħala Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ECCSEL ERIC) bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/996 ([3]).

(3) Fit-30 ta' Marzu 2023, l-ECCSEL ERIC ressaq proposta lill-Kummissjoni biex temenda l-Istatuti tiegħu f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 723/2009.

(4) F'konformità mal-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 723/2009, daħlu fis-seħħ xi emendi fir-rigward tal-Politika tad-*Data*, l-aġġornament tal-kontribuzzjoni u d-distribuzzjoni tal-baġit, l-aġġustament tal-kliem biex jittieħed kont tal-estensjoni mitluba tal-kamp ta' applikazzjoni, u anke korrezzjonijiet grammatikali minuri, mingħajr bidliet sostantivi.

(5) Xi emendi, li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-ECCSEL ERIC ħalli jiġu inklużi s-sistemi tal-enerġija tas-sottosuperfiċe sostenibbli allinjati għal soċjetà b'emissjonijiet tal-karbonju żero netti, l-introduzzjoni ta' bidliet żgħar fil-Politika tal-Evalwazzjoni Xjentifika, fil-Politika ta' Aċċess għall-Utenti, fil-Politika dwar it-Tixrid u fil-Politika dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(6) Il-Kummissjoni vvalutat l-applikazzjoni skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 723/2009, u kkonkludiet li din tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Istatuti tal-ECCSEL ERIC annessi mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/996 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/723/oj.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 72/2015 tal-20 ta' Marzu 2015 li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (ĠU L 129, 19.5.2016, p. 85, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/755/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/996 tad-9 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-Laboratorju Ewropew għall-Ġbir u għall-Ħżin tad-Diossidu tal-Karbonju — Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ECCSEL ERIC) (ĠU L 149, 13.6.2017, p. 91, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2017/996/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Renju tan-Netherlands, lir-Renju tan-Norveġja u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u lill-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Iliana IVANOVA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Istatuti tal-ECCSEL ERIC annessi mad-Deċiżjoni 2017/996/UE huma emendati kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ECCSEL ERIC għandu jistabbilixxi u jopera infrastruttura tar-riċerka distribwita tal-ogħla kwalità li għandha titwaqqaf bħala hub ċentrali responsabbli għall-operat koordinat ta' diversi faċilitajiet li joperaw taħt kappa konġunta, ECCSEL ERIC.

(a) L-ECCSEL ERIC għandu jikkoordina l-użu tal-faċilitajiet tar-riċerka fl-infrastruttura distribwita u jikkoordina pjanijiet għall-aġġornament tagħhom u investimenti ġodda. L-ECCSEL ERIC għandu jassigura aċċess miftuħ internazzjonali għall-infrastruttura. Barra minn hekk, fi ħdan il-mezzi u l-kompetenza tiegħu, l-ECCSEL ERIC għandu jappoġġa lis-sidien tal-faċilitajiet tar-riċerka fl-impenji tagħhom li jsaħħu l-operazzjonijiet tal-faċiliatjiet tagħhom u fl-impenji tagħhom li jaġġornawhom u li joħolqu faċilitajiet ġodda.

(b) L-ECCSEL ERIC għandu jiffaċilita r-riċerka sperimentali superjuri dwar tekniki ġodda u mtejba fir-rigward tal-Qbid, it-Trasport, l-Użu u l-Ħżin (CCUS, Capture, transport, Utilisation and Storage) tas-CO_2 u sistemi tal-enerġija tas-sottosuperfiċe sostenibbli allinjati għal soċjetà b'emissjonijiet tal-karbonju żero netti, filwaqt li jipprevedi l-użu kummerċjali sal-2020-2030 u lil hinn.

(c) L-ECCSEL ERIC mhuwiex sid ta' faċilitajiet tar-riċerka hu nnifsu u lanqas ma jopera dawn it-tip ta' faċilitajiet. Madankollu, fil-ġejjieni l-Assemblea Ġenerali tista' tiddeċiedi li l-ECCSEL ERIC għandu jinvesti fil-faċilitajiet tiegħu stess jew joperahom. Il-Membri u l-Osservaturi li ma jixtiqux jieħdu sehem fil-finanzjament ta' dawn il-faċilitajiet jistgħu jastjenu milli jiffinanzjawhom f'konformità mal-Artikolu 9(2)(a).

(d) L-ECCSEL ERIC għandu jippromwovi t-tixrid miftuħ tar-riżultati tar-riċerka u tad-*data* prodotti permezz tal-attivitajiet tiegħu. L-ECCSEL ERIC għandu jrawwem id-definizzjoni ta' standards u metodi komuni relatati biex tittejjeb l-interoperabbiltà.

(e) Kull azzjoni relatata oħra meħtieġa biex jilħaq il-mira tiegħu."

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ECCSEL ERIC għandu jqiegħed il-faċilitajiet meħtieġa għat-twettiq ta' riċerka f'oqsma ta' prijorità għad-dispożizzjoni tal-komunità internazzjonali tar-riċerka. Billi jagħmel dan, l-ECCSEL ERIC se jikkontribwixxi biex tingħata spinta lill-iżvilupp teknoloġiku lil hinn mill-ogħla livell ta' żvilupp tekniku attwali, u b'hekk jaċċellera l-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tas-CCUS u s-sistemi tal-enerġija tas-sottosuperfiċe sostenibbli allinjati. Għal dan l-impenn, l-ECCSEL ERIC għandu jindirizza u jkattar azzjonijiet ta' riċerka tal-ogħla livell fost ix-xjenzjati fi ħdan dawn l-oqsma u f'konformità mal-prijoritajiet tal-ECCSEL ERIC. L-ECCSEL ERIC se jistabbilixxi inventarju avvanzat ħafna ta' faċilitajiet uniċi tar-riċerka u jagħti lill-komunitajiet tal-utenti Ewropej (primarjament), u lil dawk mhux Ewropej aċċess għal dawn ir-riżorsi."

(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(3), l-ECCSEL ERIC jista' jwettaq attivitajiet ekonomiċi limitati bil-kundizzjoni li dawn ikunu relatati mill-qrib mal-kompiti ewlenin tal-ECCSEL ERIC u ma jipperikolawx it-twettiq tagħhom."

(2) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku u l-Politika ta' Evalwazzjoni Xjentifika"

(a) L-Assemblea Ġenerali għandha taħtar Bord Konsultattiv Xjentifiku indipendenti fformat minn massimu ta' sitt xjenzjati eminenti, indipendenti u tal-esperjenza. Il-ħatra tal-membri tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandha tkun ibbażata fuq suġġerimenti mid-Direttur, li għandu jfittex il-pariri tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku u tal-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Infrastruttura tar-Riċerka. Il-mandat tal-Membri tal-Kumitat Xjentifiku hu ta' 3 snin. Hu possibbli li jerġgħu jinħatru darba. Id-delegati għall-Assemblea Ġenerali ma jistgħux jinħatru għal dan il-Bord.

(b) Id-Direttur għandu jikkonsulta mal-Bord Konsultattiv Xjentifiku tal-inqas darba fis-sena fuq il-kwalità xjentifika tas-servizzi offruti mill-ECCSEL ERIC, dwar il-politiki xjentifiċi, il-proċeduri u l-pjanijiet futuri tal-organizzazzjoni.

(c) Darba fis-sena l-Bord Konsultattiv Xjentifiku għandu jissottometti rapport lill-Assemblea Ġenerali, permezz tad-Direttur, dwar l-attivitajiet tiegħu. Id-Direttur għandu jissottometti r-rapport lill-Assemblea Ġenerali flimkien mal-kummenti u mar-rakkomandazzjonijiet possibbli tad-Direttur."

(3) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-eżenzjonijiet mit-taxxa bbażati fuq l-Att tan-Norveġja relatat mat-taxxa fuq il-valur miżjud tad-19 ta' Ġunju tal-2009, Nru 58, § 10-3, għandhom ikunu limitati għat-taxxa fuq il-valur miżjud għal tali oġġetti u servizzi li huma għall-użu uffiċjali u esklużiv mill-ECCSEL ERIC u huma mħallsa bis-sħiħ u akkwistati mill-ECCSEL ERIC jew mill-Istati Membri tal-ECCSEL ERIC. L-eżenzjonijiet mit-taxxa għandhom japplikaw għal attivitajiet mhux ekonomiċi. Ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet ekonomiċi. Ma għandhomx japplikaw iktar limiti."

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Jekk Stat Membru tal-ECCSEL ERIC jingħata l-kompitu li jospita Uffiċċju tal-ECCSEL ERIC li hu rikonoxxut minn dak l-Istat Membru tal-ECCSEL ERIC bħala korp internazzjonali skont it-tifsira tal-Artikoli 143(1)(g) u 151(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE u bħala organizzazzjoni internazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 11(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262, dak l-Uffiċċju tal-ECCSEL ERIC għandu, fir-rigward tal-oġġetti u tas-servizzi mixtrija fi ħdan l-UE għall-ħtiġijiet tiegħu stess jew biex iwettaq il-kompiti li ġew attribwiti lilu mill-ECCSEL ERIC, jibbenefika minn eżenzjonijiet mit-taxxa bbażati fuq l-Artikoli 143(1)(g) u 151(1)(b) tad-Direttiva 2006/112/KE, għax-xiri li jaqbeż il-valur ta' EUR 300, u li jitħallas u jiġi akkwistat bis-sħiħ mill-ECCSEL ERIC jew mill-Membri tal-ECCSEL ERIC. L-eżenzjonijiet mit-taxxa għandhom japplikaw għal attivitajiet mhux ekonomiċi. Ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet ekonomiċi. Ma għandhomx japplikaw iktar limiti."

(4) L-Artikolu 17(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-kuntratti ta' impjieg għandhom ikunu soġġetti għad-drittijiet u għar-regolamenti applikabbli tal-pajjiż li fih ikun impjegat il-membru tal-persunal jew għad-drittijiet tal-pajjiż fejn jitwettqu l-attivitajiet tal-ECCSEL ERIC. Il-pożizzjonijiet vakanti tal-ECCSEL ERIC għandhom jiġu ppubblikati b'mod internazzjonali kif xieraq."

(5) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 18*

Politika ta' Aċċess għall-Utenti"

1. Parti sostanzjali miż-żmien għar-riċerka disponibbli għal kull faċilità nazzjonali li tieħu sehem fl-infrastruttura tal-ECCSEL għandha tiġi offruta lill-komunità tar-riċerka internazzjonali. L-Assemblea Ġenerali għandha tirriżerva sehem miż-żmien tal-aċċess disponibbli għar-riċerkaturi minn stati li mhumiex Membri tal-ECCSEL ERIC.

2. L-ECCSEL ERIC u s-sidien tal-faċilitajiet tar-riċerka għandhom jidħlu fi ftehimiet individwali relatati ma' kemm ikun kbir is-sehem taż-żmien għar-riċerka disponibbli li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-komunità internazzjonali tar-riċerka u l-kundizzjonijiet għall-aċċess.

3. L-aċċess għall-faċilitajiet tal-ECCSEL ERIC għandu jkun miftuħ għar-riċerkaturi, għax-xjenzjati u għall-istudenti. L-għoti tal-aċċess appoġġat mill-ECCS għandu jkun ibbażat fuq il-kompetizzjoni u fuq ir-rieżami bejn il-pari tal-applikazzjonijiet wara proċedura ġusta u trasparenti. Il-kriterji ewlenin għall-kompetizzjoni għandhom ikunu l-eċċellenza xjentifika u l-importanza b'rabta mal-istrateġiji tal-ECCSEL ERIC, skont kif tiddeċiedi l-Assemblea Ġenerali.

4. L-ECCSEL ERIC jista' jistabbilixxi sistema għall-awtentifikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni li tiżgura li jkunu biss persuni li huma intitolati jaċċessaw faċilità li jitħallew jidħlu u jużawha. L-ECCSEL ERIC jsita' jiddeċiedi li l-Membri u l-Osservaturi jeħtiġilhom jaderixxu ma' tali sistema biex ir-riċerkaturi jingħataw aċċess.

5. Politika dwar l-Aċċess dettaljata applikabbli għall-utenti, approvata mill-Assemblea Ġenerali, għandha tkun disponibbli għall-pubbliku."

(6) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun hemm aċċess miftuħ għar-riżultati u għad-data tar-riċerka tal-ECCSEL ERIC f'konformità mal-politika dwar it-tixrid adottata mill-Assemblea Ġenerali. Ir-riżultati u d-*data* tar-riċerka miftuħa għandhom jingħataw lill-partijiet interessati mingħajr il-ħlas ta' kostijiet oħra minbarra dawk assoċjati mat-tixrid. Għall-fini ta' din id-dispożizzjoni, "riżultati u *data* tar-riċerka tal-ECCSEL ERIC" għandha tfisser riżultati u *data* tar-riċerka fil-qasam tas-CCUS u sistemi tal-enerġija tas-sottosuperfiċe allinjati ġġenerati mis-sidien tal-faċilitajiet li jieħdu sehem fl-infrastruttura tal-ECCSEL ERIC.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-ECCSEL ERIC għandu jħeġġeġ b'mod ġenerali lill-utenti tar-riżultati tar-riċerka tal-ECCSEL ERIC biex jagħmlu r-riżultati tar-riċerka tagħhom stess disponibbli għall-pubbliku u għandu jitlob lill-utenti jagħmlu pubblikità xierqa dwar l-aċċess li ngħatalhom fi ħdan l-ECCSEL ERIC."

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-ECCSEL ERIC għandu juża firxa ta' metodi biex jilħaq l-udjenzi fil-mira."

(d) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Il-politika dwar it-tixrid għandha tiddeskrivi d-diversi gruppi fil-mira, u tuża firxa ta' metodi biex tilħaq l-udjenzi fil-mira. Fil-pubblikazzjonijiet kollha li jikkonċernaw ir-riżultati u l-għarfien iġġenerati mill-kooperazzjoni tal-ECCSEL jew fi ħdanha, l-ECCSEL ERIC għandu jiġi rikonoxxut kif xieraq."

(7) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-Proprjetà Intellettwali, ir-relazzjonijiet bejn il-Membri għandhom jiġu rregolati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiżi Membri, kif ukoll mir-regoli u mir-regolamenti internazzjonali rilevanti."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-proprjetà intellettwali li l-Membri jipprovdu lill-ECCSEL ERIC għandha tibqa' l-proprjetà tad-detentur oriġinali tal-Proprjetà Intellettwali. Jekk tali proprjetà toriġina minn xogħol iffinanzjat mill-ECCSEL ERIC (kontribuzzjoni diretta jew *in natura*), il-proprjetà intellettwali għandha tappartjeni għall-ECCSEL ERIC, sakemm ma jkunx ġie miftiehem li l-proprjetà għandha tappartjeni għall-Membru li ħoloqha. Il-valur ekonomiku possibbli tal-aċċess ogħla mit-tariffa mħallsa ma għandux jitqies bħala xogħol iffinanzjat mill-ECCSEL ERIC għall-finijiet tal-Proprjetà Intellettwali."

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-ECCSEL ERIC għandu jipprovdi gwida lir-riċerkaturi biex jiżgura li r-riċerka mwettqa bl-użu ta' materjal magħmul aċċessibbli permezz tal-ECCSEL ERIC issir fi ħdan qafas li jirrikonoxxi d-drittijiet tas-sidien."

(8) L-Artikoli 21 sa 26 huma nnumerati mill-ġdid bħala l-Artikoli 22 sa 27.